Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 2 ta’ Frar 2001.

Avviz Nru: 1020/99

Middle Sea Insurance p.l.c kif surrogati fid-drittijiet tal-Assigurat taghhom Bay Point Hotel Limited u l-istess Bay Point Hotel Limited

Vs

Garden of Eden Garage Limited u Omar Abela

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex dawn jigu kkundannati li jhallsu s-somma ta’ tminn mija sitta u sittin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm866.25c) liema somma hija dovuta in linea ta’ danni kkagunati minnhom f’incident li sehh fil-11 t’Ottubru 1998 gewwa l-lukanda Radissan SAS, St.Julians meta x-xarabank bin-numru ACY-863 laqtet it-tabella ta’ l-istess lukanda u kkagunatilha l-hsara indikata, liema incident sehh tort taghhom jew min minnhom.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuta li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Garden of Eden Garage Ltd fejn eccepew:

(1) Illi t-talba attrici in kwantu diretta kontra s-socjeta' konvenuta Garden of Eden Garage Limited hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-istess socjeta' ma kinitx involuta fl-incident meritu ta' l-Avviz u konsegwentement mhijiex responsabbli ghall-hlas tad-danni pretizi u reklamati mill-atturi.

(2) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat illi l-konvenut Omar Abela debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Rat in-nota ta' cessjoni tal-atturi permezz ta' liema huma cedew il-kawza fil-konfront biss tal-konvenuti Garden of Eden Garage Limited u ghalhekk il-Qorti ma tiehux aktar konjizzjoni tat-talba u din hija diretta kontra l-konvenuti Garden of Eden Garage Ltd. Izda stante li l-konvenut Omar Abela ma deherx fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domanda in subizzjoni, it-talba attrici fil-konfront tieghu ghandha tigi dikjarata gustifikata u ghandha tkun ikkonfermata u ghaldaqstant qieghda tilqa' t-talba attrici u qieghda tikkundanna lill-konvenut Omar Abela sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tminn mija u sitta u sittin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm866.25c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Omar Abela.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg